MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2014

Numru. 901/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Lewis Vella**

Kaz Numru: 901/2012

Illum 6 ta' Mejju, 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Lewis Vella**, bin Victor u Mary neé Cini, imwieled fil-31 ta' Dicembru 1943, residenti fil-fond Casa Vella, Triq il-Kapuccini, Rabat,

Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identità bin-Numru 244(G), li gie akkuzat talli nhar is-26 ta' Novembru 2012 u fix-xhur ta' qabel gewwa l-garaxx tal-fond Casa Vella fi Triq il-Kapuccini, Rabat, Ghawdex:

1. ghamel attivita' kummercjali minghajr licenzja minghand l-Awtorita' Regolatorja;

2. kiser il-kundizzjoni generali elenkati fit-Tieni Skeda tal-Avviz Legali 1/2006 billi l-attivita' kummercjali kienet ta' sikkatura ghan-nies tal-madwar;

3. kiser il-kundizzjoni generali elenkati fit-Tieni Skeda tal-Avviz Legali 1/2006 billi kagun ta' din l-attivita' kummercjali tefa' rwejjah, dhahen, fwar, gassijiet, trabijiet jew inkella tefa' rwejjah nocivi jew offensivi fl-atmosfera li jistghu ihassru jew jipperikolaw is-sahha;

4. rema', tefa', halla jew xort ohra jew iddepozita xi zibel f'xi post pubbliku, triq jew spazju fil-miftuh li ghalih il-pubbliku ghandu access minghajr awtorizzazjoni;

Rat id-dokument esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi.

Rat ir-rapport tas-Sur Vincent Cilberti ezebiet f'dawn il-proceduri.

**Ikkunsidrat**

Illi, mill-provi prodotti, ma jirrizultax li l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Lewis Vella hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------